KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 33/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

*L-Erbgħa 23 ta' Frar 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Kunsilliera Axisa u Camilleri talbu li jkun skużati minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 32 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mill-Għaqda Kristu Sultan sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta' tiswija fuq il-bieba tax-xelter li tinsab quddiem is-sede tas-Soċjeta. Il-membri iddiskutew il-każ u qablu li jitolbu lis-Soċjeta tavviċina lill-kuntrattur li kien għamel il-ħsara hekk kif l-istess Kunsill kien infurmat li l-ħsara kienet sargħet mill-kuntrattur li kien tqabbad biex jagħmel xogħol fil-każin.

3.2. Talba mingħand il-Peprina Childcare centre sabiex issir parkeġġ fejn il-ġenituri jkunu jistgħu iniżżlu t-tfal tagħhom. Il-membri iddiskutew il-każ u qablu li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta li però tkun ta' anqas ħin minn dak mitlub.

*Il-Kunsillier Bartolo daħal issa.*

3.3. Korrispondenza mingħand Parks Malta sabiex isir MOU bejn l-istess entita` u l-Kunsill Lokali Paola fejn Parks Malta tkun qed tieħu f'idejha l-manutenzjoni ta' Ġnien il-Mediterran kif ukoll ix-xogħolijiet ta'upgrading li hemm pjanati għall-ġnien. Il-membri qablu li isir dan il-ftehim.

3.4. Talba għal rifużjoni ta' ħlas wara ħsara li ġarrab van fi sprall fi Triq il-Karmnu. Il-membri evalwaw id-dokumenti ppreżentati u qablu li isir il-ħlas kif mitlub.

## 4. Stqarrijiet Finanzjarji 2021

4.1. Is-Sindku stieden lill-accountant tal-Kunsill sabiex tagħti rendikont tal-estimi finanzjarji kif ppreżentati lill-membri tal-Kunsill. Il-membri iddiskutew dawn l-estimi u dawn ġew approvati b'mod unanimu. Flimkien ma' dawn l-estimi il-membri approvaw ukoll il-*business plan* 2022-2026 u r-rapporti ta' kull kwart għall-aħħar kwart tas-sena kif ppreżentati.

*Il-Vici Sindku telaq mil-laqgħa*

## 5. Skema *Norway Grants*

5.1. Is-Sindku informa lill-membri li b'rabta mal-proġett approvat tan-Norway Grants, fejn ser jiġi varat proġett ta' trasport assistit b'van elettriku għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, ġie iffirmat il-ftehim u issa ser jibda ix-xogħol biex tinħareġ ukoll sejħa għall-offerti għall-van.

5.2. Il-Kunsilliera Arqueros issuġġeriet ukoll li l-proġett ikun estiż għall-persuni li jkollhom bżonnijiet partikolari fid-dawl li jkunu għaddejjin min mard. Il-membri qablu wkoll fid-dawl li s-servizz huwa miftuħ għal min għandu bżonnijiet speċjali, dan ikun japplika għalihom ukoll.

## 6. Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri ir-rapport ta' evalwazzjoni marbut mal-offerta ta' xogħolijiet infrastrutturali fit-toroq, bankini u ġonna, liema rapport ġie approvat b'mod unanimu.

## 7. Staff

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dwar is-sejħa ta' skala 13 tal-Kunsill Lokali Paola, illi issa tinsab fi stadju fejn wara li sargħet sejħa fil-Kunsilli Lokali u ma kienet irċevuta l-ebda applikazzjoni, issa irid jinġieb il-permess mill-*Jobs Plus* sabiex is-sejħa tkun miftuħa għall-pubbliku u għal min qed jirreġistra.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi beda l-proġett tal-pavimentar quddiem l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, liema parti ser tkun biss aċċessibbli għan-nies. Huwa kompla li dan huwa proġett ta' Heritage Malta li sar ukoll wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola. Is-Sindku qal ukoll li fl-isfond tan-nuqqas ta' passaġġ tal-vetturi mit-triq jaf ikun hemm bżonn tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku tal-madwar.

8.2. Is-Sindku informa lill-membri li kien baqa' għaddej bid-diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta u kkonferma li għandu isir xogħol fi Triq Britannja u Triq Sultana.

8.3. Is-Sindku informa lill-membri illi sargħet laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tal-iskart fejn ġie diskuss it-tender kollu u kkonferma li ser ikun qed jiġbor l-iskart domestiku u organiku nhar ta' Tnejn b'sistema aħjar.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet għalfejn l-aġenda tal-laqgħa ma tkunx fuq facebook. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-aġenda tkun fuq is-sit tal-Gvern Lokali kif huwa obbligat li isir, però żied li normalment din tkun ukoll fuq il-facebook.

9.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar il-possibilità li jitqiegħdu aktar tabelli marbuta mal-by law tal-ħamiem. Is-Sindku qal li mhux it-tabella irridu imma aktar infurzar għax kulħadd jaf li huwa illegali fil-lokalita tagħna li titma l-ħamiem. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet hawn min ma jafx li hawn fis-seħħ din il-by law però xorta waħda hemm bżonn infurzar.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 33 għas-somma ta' €81,864.46.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fil-5:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Marzu 2022.

11.2. Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku